IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 03**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 29 ta' April 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Vici Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |

## 1.00 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2012

1.01 Is-Sindku Charles Azzopardi u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Audit Financial Statements* għas-sena 2012 kif ġew aġġustati l-awdituri tal-kumpanija 3a, liema *accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. *Audit Financial Statements* ghas-sena 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja sabiex jispjega l-aġġustamenti li saru. Hija talbitu wkoll jagħti spjega dettaljata tal- *Audit Financial Statements* lill-Kunsill, peress li bosta Kunsilliera huma eletti għall-ewwel darba f'din is-seba` leġiżlatura filwaqt li l-*Unaudit Financial Statements* kienu ġew preżentati fil-leġiżlatura preċedenti.

L-*accountant* beda billi qal li għas-sena 2012 il-Kunsill spiċċa b'telf ta' € 68,300 u li dan jirriżulta minħabba li l-Kunsill għandu *Net Liability Position* li ilha ġejja minn bosta snin. Dan ġara wara li l-Kunsill kien daħal fi ftehim ta' *resurfacing* ta' toroq



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

u għalhekk il-Kunsill kull sena qed jispiċċa b'telf.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li skont ir-regolamenti finanzjarji d-*deficit* jinħadem wara li mill-*current assets* jitnaqqsu l-*current liabilities*, għalhekk skont il-*Financial Statements* li għandu quddiemu l-Kunsill jirriżulta li d-*deficit* ilaħħaq għal €179,864. Hija ġabet ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsill l-aħħar rapport ippubblikat mill-uffiċċju tal-awditur ġenerali, fejn jidher li l-Kunsill ilu tal-anqas mis-sena 2009 imniżżel fit-tabella tal-Kunsilli li għandhom *deficit*.

L-*accountant* tal-Kunsilli kkonferma dak imsemmi mis-Segretarju Eżekuttiv u qal li hu ilu jgħid lill-Kunsill b'din il-problema għal dawn l-aħħar snin. Għaldaqstant kien tal-opinjoni li l-Kunsill ma jidħol għall-ebda proġett ġdid tal-anqas għal din is-sena 2013.

Wara li l-*accountant* tal-Kunsill għamel l-ispjegazzjonijiet tiegħu u ma kienx hemm iktar domandi, is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li dawn l-*Audit Financial Statements* jiġu approvati. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva unanimament.

1.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 21 ta' Mejju 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**